

32005D0160

L 52/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.2.2005

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-27 ta' Ottubru 2004**

**li japprova l-iskambju ta' ittri bejn l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-kooperazzjoni tagħhom fil-qafas tar-rispons għad-diżastri (fil-każ ta' interventi simultanji f'pajjiż milqut minn diżastru)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)  
(2005/160/KE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Billi:

- (1) L-istabbiliment tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-affarijiet umanitarji huwa rifless ta' politika konsistenti li tfttex relazzjoni u kooperazzjoni aħjar man-Nazzjonijiet Uniti, kif enfazissat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Il-Bini ta' sħubija effettiva man-Nazzjonijiet Uniti fl-oqsma tal-Iżvilupp u tal-Affarijiet Umanitarji" tat-2 ta' Mejju 2001<sup>1</sup>, kif ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti: L-għażla tal-multilateraliżmu" tal-10 ta' Settembru 2003<sup>2</sup>,
- (2) L-esperjenza tal-imgħoddi enfazissat il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-prinċipji bażiċi għal aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-UNOCHA (fosthom is-sistema ta' rispons tal-emerġenzi u l-għodod tal-koordinazzjoni) u l-Kummissjoni Ewropea (fil-qafas tal-attivitajiet tal-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE<sup>3</sup> u l-attivitajiet tal-ECHO- id-Dipartiment Umanitarju tal-Komunità Ewropea<sup>4</sup>) meta t-tnejn li huma simultanjament jipprovdu

<sup>1</sup> COM (2001) 231, 2.5.2001

<sup>2</sup> COM (2003) 526, 10.9.2003

<sup>3</sup> ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 (OJ L 163, 2.7.1996, p. 1). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

jew jiffaċilitaw għajnuna f'pajjiż milqut minn diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem, f'tentattiv biex jikkooperaw b'mod effikaċi, jimmassimizzaw l-użu tar-riżorsi disponibbli u jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni bla hteieġa tal-isforzi.

- (3) Il-Kummissjoni u l-UNOCHA nneozjaw test għal skambju ta' ittri dwar il-kooperazzjoni tagħhom fil-qafas tar-rispons għad-diżastri (fil-każ ta' interventi simultanji f'pajjiż milqut minn diżastru), li huwa propost għall-approvazzjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

1. L-iskambju ta' ittri bejn l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-kooperazzjoni tagħhom fil-qafas tar-rispons għad-diżastri (fil-każ ta' interventi simultanji f'pajjiż milqut minn diżastru), li jinsab fl-Anness, huwa b'hekk approvat.
2. Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-Ambjent u l-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-Iżvilupp u l-Għajnuna Umanitarja, jew il-persuni maħtura minnhom għal dan il-għan, huma awtorizzati li jiffirmaw l-iskambju ta' ittri f'isem il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Ottubru 2004.

*Għall-Kummissjoni  
Margot WALLSTRÖM  
Membru tal-Kummissjoni*